MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' April, 2003

Numru 739/2002

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef-Grimaud)
vs
Joseph Zammit, iben Eleno,
imwieled San Ġiljan fil-11 ta’ settembru, 1979

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta’ novembru, 2001, għal ħabta tas-6.30 p.m., ġewwa Triq Wilġa, Paceville, limti ta’ San Ġiljan, inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq
il-persuna ta’ wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi

vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC670 Walter Sheldon, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi
mill-awtorita' kompetenti;
3. talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ħsara fl-uniformi ta' PC670
Walter Sheldon.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' april, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 95(1), 96 u 325(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100).

--------------------------------TMIEM--------------------------------